MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2006

Numru 1294/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**VS**

**MANUEL CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Manwel Cachia, ta' 25 sena, bin John u Mary nee' Demicoli, imwieled Tal-Pieta' nhar id-9 ta' Dicembru, 1980, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8081(M), u li joqghod fil-fond numru 13, Triq il-Biccieni, Zabbar;

Akkuzat talli:

1. Nhar il-5 ta' Dicembru, 2006 ghall-habta tas-sebgha ta' fl-ghodu, fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni bin-numru KAC 357,

liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin, kif ukoll bin-natura tal-haga misruaq sar ghad-detriment ta’ Andrew Farrugia, u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli nhar il-5 ta’ Dicembru, 2006 f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew jekk sar sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema hwejjeg u cioe’ vettura tat-tip Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni KAC 357 gej minn serq kkwalifikat bil-valur u bin-natura tal-haga misruqa;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkonstanzi kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu b’sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D nhar l-20 ta’ Gunju, 2006 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. U fl-ahhar nett talli sar recidivi ai termini tal-Artikoli 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Rat li t-tieni (2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1), u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Wara li rat l-Aritkoli 261, 263, 267, 269, 270, 271, 49, 50, U 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat hati, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal sentejn (2).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------